

Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu

# Aħbar Tajba

2 Sam 5, 1-3
Salm 121 (122), 1-2.4-5
Kol 1, 12-20
Lq 23, 35-43

"Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek." U Ġesù wieġbu:
**"Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi."**

"Ġesù ta' Nazaret, Sultan tal-Lhud." Din kienet il-frażi li stajt taqra x'ħin tħares lejn wieħed mill-imsallbin fuq il-Kalvarju. Normalment, kien ikun hemm miktub ir-raġuni għaliex ġie kkundannat, bħal ħalliel jew agħar. Imma fuq ras Ġesù l-kundanna kienet tgħid li kien Sultan. Probabbilment Pilatu, meta ddeċieda li jikteb dak il-kliem fuq ras Ġesù f'moħħu kellu biss kif ipattiha xi ftit lill-qassisin Lhud li kienu rrovinawlu l-ġurnata meta ġabulu lil dan Ġesù biex jikkundannah. Imma mingħajr ma kien jaf kien qed joqrob ħafna lejn il-Verità. Għax dan Ġesù kien tassew sultan, u mhux tal-Lhud biss, imma sultan ferm ikbar, li bħalu d-dinja qatt ma rat.

Ma kienx sultan kuntent jgħix fil-palazz tiegħu, jew xi wieħed imdawwar b'ħafna qaddejja u għorrief biex jgħinuh. Anzi, dan is-Sultan twieled fil-faqar, qatta' ħajtu mal-iktar nies komuni u saħansitra l-aħħar mumenti ta' ħajtu qasamhom mal-aktar persuni mistkerrha tas-soċjetà. Imma għaliex taħsbu li dan is-sultan iddeċieda li jkun tant differenti mis-slaten l-oħra?

Ħafna drabi, is-slaten tad-dinja jgħixu ħajja ferm differenti minn dik ta' nieshom u dan kultant iwassal li ftit li xejn ikunu jafu minn xiex jgħaddu n-nies komuni. Dawn m'hemmx għalfejn iżommu d-dar nadifa għax hemm nies li jieħdu ħsieb dan. Ħafna drabi jidħlu d-dar u jsibu l-ikel lest jistenniehom. Anqas fit-triq ma joqogħdu jistennew wisq fit-traffiku għax ara l-iskorta tal-pulizija ddoqq is-sirena biex kulħadd jagħmlilhom il-wisa' biex jgħaddu.

Imma Ġesù ried jifhem sew minn xiex jgħaddu n-nies biex ikun jista' jgħinhom u allura ddeċieda li jitwieled fosthom f'familja mill-aktar ordinarji biex jgħix fost dawk li ried jgħin.

Illum qed niċċelebraw il-festa ta' dan is-sultan, li s-saltna tiegħu mhix marbuta ma' post wieħed, imma l-ħolqien kollu hu s-saltna tiegħu. Madankollu fil-qari niltaqgħu miegħu fl-aħħar mumenti ta' ħajtu fuq is-salib. Tafu għaliex naqraw propju din is-silta? Għax f'dawn il-mumenti tidher l-imħabba kbira tas-sultan għall-ħolqien tiegħu, li saħansitra ta ħajtu għal dawk li tant iħobb. Għax għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn il-mislub jidher tellief, imma fil-verità dak il-ħin għamel l-ikbar rebħa tal-istorja, għax ħelisna mill-eqdem għadu tagħna, il-qawwa tal-ħażen.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

ĠESÙ, MESSIJA, SULTAN, ĦALLELIN, SULDATI, SALTNA, ĠENNA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | A | R | D | A | L | I | S | T | R |
| A | G | I | Ġ | A | R | D | I | N | A |
| A | B | H | IE | F | GĦ | A | M | A | D |
| Ġ | IE | Ż | Ù | T | R | Ġ | E | S | Ù |
| S | U | L | D | A | T | I | S | A | O |
| T | A | S | V | GĦ | M | O | S | N | L |
| R | Ħ | A | L | L | E | L | I | N | O |
| K | A | L | O | S | Ù | Ċ | J | E | R |
| I | R | T | S | U | L | T | A | N | Ġ |
| J | I | N | M | U | R | GĦ | A | IE | E |
| R | O | A | I | A | R | S | X | P | N |
| Ħ | I | N | S | A | L | T | N | O | N |
| Ħ | A | L | L | IE | L | T | IE | B | A |





## MULEJ AGĦMILNI ĦABIB MA' KULĦADD

Mulej, agħmilni ħabib ma' kulħadd.
Agħmel li persunti tnissel fiduċja
f'min qed ibati u jħossu mdejjaq;
f'min qed ifittex id-dawl
għax jinsab 'il bogħod minnek;
f'min jixtieq jibda jħobb u ma jafx kif;
f'min jixtieq jiftaħ qalbu u jħossu bla ħila.

Mulej, għinni ħalli ma mmurx ngħaddi
minn fejn xi ħadd b'ħarsa indifferenti,
b'qalb magħluqa, bil-pass imgħaġġel.

Mulej, għinni ħa nagħti kas mill-ewwel
ta' dawk li jkunu qrib tiegħi.
Għinni nagħraf lil dawk li jkunu mħassbin
u mħawdin. Agħmel li nħoss hekk li nasal
biex inserrħilhom qalbhom.

Mulej, eħlisni minni nnifsi,
biex inkun nista' nservik,
biex inkun nista' nħobbok,
biex jirnexxili nisimgħek
f'kull wieħed minn ħuti
li inti tlaqqagħni miegħu.

Dan l-Avvent
ejja magħna
fi vjaġġ wara
kewkba speċjali
li se tlaqqagħna
ma' sultan ġdid.

Kuljum se timxi
pass ieħor
fl-istorja li
bidlet id-dinja.




Ibagħtilna email fuq
info@mediacentre.com.mt
€1 VAT inkluża
jew ordnaw online minn
sayitmalta.com

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!
AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre
design • video production • animation • publishing • web

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq
*info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION